MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2006

Numru 981/2003

**Il-Pulizija**
**(Spt. Edel Mary Camilleri)**
**vs**
**Kishinchand Mohnani**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Kishinchand Mohnani** ta’ 60 sena, bin il-mejjet Dharamdas u Lilibanti nee’ Mirpuri, mwieled Hadberdad India fl-1 t’Ottubru, 1942, residenti f’ ‘The Arches’, Pietru Xuereb Street, Gwardamangia, karta tal-identita’ numru 2016317P;

Talli f’Jannar, 2003 u f’dati ta’ wara, f’dawn il-Gzejjer u fi bnadi ohra b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b’qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprisi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' Lm8,284 bi hsara lil Carmen Mohnani minn Birkirkara. U dan bi ksur ta' l-Art. 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-avukat generali fejn baghat lill-imputat biex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-istess imputat ghal procediment kontra tieghu minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi wara sforz konsiderevoli sabiex tifhem lill-ufficjal prosekutur u lill-kwerelanta, jirrizulta illi din il-kawza kienet inizzjata fuq kwerela ta' mart l-imputat, minnu legalment separata. Il-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-imputat u martu jipprovdi illi l-imputat kellu jaghti lill-martu id-dar fejn toqghod u somma flus mqassma fuq medda ta' ghaxar snin. Fl-ewwel ta' Lulju 2002 l-kwerelanta kienet dovuta s-somma ta' Lm7500 li aggunta ma' xi spejjez kienet tammonta ghall-Lm8240. Apparentement, u l-Qorti qed tuza dan it-terminu b'kawtela kbira, l-kwerelanta pprocediet b'subbasta kontra l-imputat, izda ddecidiet tissospendi l-istess wara ftehim li l-imputat ihallas bin-nifs is-somma minnu dovuta. L-imputat kien hareg zewg cekkijiet li kellhom jissarfu fl-ahhar ta' Gunju u fl-ahhar ta' Lulju. Gara, izda, illi l-imputat kien ssalda parti mill-ammont u kien ghad fadallu jhallas Lm2945 oltre xi imghaxijiet lill-kwerelanta. L-istess kwerelanta qalet ukoll illi meta wasal l-ewwel ta' Lulju l-imputat kellu jghatiha ukoll Lm7500 u ghalhekk b'kollox is-somma ta' Lm 7500 u Lm2954 oltre xi imghax.. Skond il-kwerelanta l-ingann kien jikkonsisti billi hija ssospendiet is-subbasta kontra l-imputat, hu ha lura z-zewg vettura maqbuda, u meta marret ssarraf ic-cekkijiet moghtija bhala kondizzjoni ghas-sospensjoni tas-subbasta, dawn ma ssarfux.

Ikkunsidrat:

Illi l-kwerelanta esebiet zewg cekkijiet mahrugin mill-imputat, Dok CM1 u CM2, wiehed fl-ammont ta’ Lm4284 datat 30.6.2003 u iehor fl-ammont ta’ Lm 4000 datat 30.7.2003. Fuq iz-zewg cekkijiet kien hemm miktub “Refer to Drawer”. Skond l-kwerelanta dawn inhargu f’Jannar 2003. Minn korrispondenza mal-bank jirrizulta illi dawn ic-cekkijiet ma ssarfu peress illi l-kont tal-imputat kien maghluq (ara Dok CM3). Fil-mori tal-kawza l-kwerelanta iddikjarat illi l-imputat hallas l-ammonti dovuti skond ic-cekkijiet de quo u xtaqet tirtira l-akkuzi. Ikun rilevat illi l-ammont taz-zewg cekkijiet mghaduda flimkien jammontaw ghall-Lm8284.00 meta l-pretensjoni tal-kwerelanta kienet ghall-Lm10,454.00

Jirrizulta illi minkejja li l-imputat hareg ic-cekkijiet huwa kien qed ihallas lill-kwerelanta l-ammont minnu dovut in kontanti. Dan tikkonfermah il-kwerelanta stess tant u mill-ammont kollu dovut kien jonqos biss Lm 2945. Gara li n-negozju tal-imputat beda sejjer hazin u ma serax jonora l-kumplament tal-obbligu tieghu, izda minkejja dan, sar il-pagament ghas-saldu fil-mori tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi biex jirrizulta r-rejat ta’ truffa kif ravvizat fl-artikolu 308 jehtieg li jikkonkorru tlett elementi. L-insenjament tal-Qrati taghha dwar dan ir-rejat hu ben rifless fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta’ Lulju 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Custo**. F’dak il-kaz il-Qorti qalet li l-ewwel element jikkonsisti f’ att li bih tkun murija haga b’ohra, maghmul bi skop li jgieghel titwemmen l-ezistenza ta’ krediti immaginarji, u li permezz tieghu l-agent jaghmel qligh bi hsara ta’ haddiehor. Dan huwa l-messa in xena. It-tieni element huwa l-*mens rea*, u cioe’ l-att volut ta’ l-agent u predeterminat sabiex igieghel lill-haddiehor jemmen l-ezistenza ta’ kreditu immaginarju; u t-tielet element hu dak tal-qligh bi hsara ta’ haddiehor.

Mill-valutazzjoni tal-provi, l-imputat ftiehem mal-kwerelanta sabiex tissospendi s-subbasta jekk ihallasha l-flus lilha dovuta in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni

matrimonjali. L-imputat kiteb zewg cekkijiet post dated ghall-Gunju u Lulju tal-2003. Minkejja dan huwa xorta beda jiskonta l-ammont mnnu dovut bil pagamenti in kontanti. Jirrizulta illi l-kont bankarju tal-imputat inghalaq wara li n-negozju tieghu mar hazin. Mid-dokumenti esebiti, minkejja li c-cekkijiet kellhom jissarfu f’Gunju u f’Lulju 2003, l-imputat beda jhallas in kontanti daqqa Lm25, gieli Lm30 u gieli Lm50 kull jum lill-kwerelanta. Frankament, l-azzjoni tal-kwerelanta li ttentat issarraf ic-cekkijiet fl-intier taghhom meta ma kellhiex tiehu dak l-ammont tista’ in effetti kienet wahda zbaljata. Inoltre, l-kwerelanta tibbaza l-qud pro quo tal-hrug tac-cekkijiet biex hi cediet is-subbasta izda minkejja dan, ma kien esebit ebda att gudizjarju biex jikkorobora l-verzjoni taghha li almenu kien hemm tali subbasta. Minflok, hija esebiet biss il-kuntratt ta’ separazzjoni.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jirrizultaw ebda wiehed mill-elementi tar-rejat kif ta’ truffa. L-imputat ma ghamel l-ebda messa in xena, ma kellu ebda hsieb predeterminat li jghiegel titwemmen l-ezistenza ta’ krediti immaginarji u oltre dan hu ma ghamel l-ebda gwadann ghaliex kien fil-fatt hallas bil-quddiem parti sostanzjali tal-ammont minnu dovut.

L-istess ghandu jinghad dwar l-akkuza alternattiva taht l-artikolu 309 tal-Kap 9 stante li l-qerq ma kien pruvat u wisq anqas il-qligh bi hsara ta’ haddiehor.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------